# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 30 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 46.**
**Citazz. Nru. 1497/00 JRM.**

**Industrial Motors Limited.**

**vs**

**S. Guillaumier and Company Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha is-socjeta' attrici wara li ppremetiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elf, sitt mija disgha u sebghin Liri Maltin u disgha u disghin centezmi (Lm1,679.99), bilanc minn ammont akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta'

konvenuta kif jirrizulta mill-annessi fattura u rendikont immarkati dokument ‘A’ u ‘B’ rispettivament;

Illi l-ammont ghadu dovut nonostante illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex thallas permezz ta’ ittra ufficjali datata 3 ta’ Frar 1999;

Ghalhekk is-socjeta’ konvenuta talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) Tikkundannaha li thallas lis-socjeta’ attrici s-somma elf, sitt mija, disgha u sebghin Liri Maltin u disgha u disghin centezmi (Lm1,679.99), bilanc minn ammont akbar, prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta kif jirrizulta mill-annessi fattura u rendikont immarkati dokumenti ‘A’ u ‘B’ rispettivament;

Bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali datata 3 ta’ Frar 1999 kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici, inkluza l-konferma bil-gurament tal-ammont dovut;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi tikkundannaha li thallas lis-socjeta’ attrici s-somma elf, sitt mija, disgha u sebghin Liri Maltin u disgha u disghin

centezmi (Lm1,679.99), bilanc minn ammont akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta kif jirrizulta mill-annessi fattura u rendikont immarkati dokumenti 'A' u 'B' rispettivament u bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Frar 1999 kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**30, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**30, t'Ottubru, 2000.**